# DEĊIŻJONI Nru 1313/2013/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-17 ta' Diċembru 2013

## dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 196 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Minħabba ż-żieda sinifikanti fl-għadd u l-gravità tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem fl-aħħar snin u f'sitwazzjoni fejn diżastri fil-futur se jkunu aktar estremi u kumplessi b'konsegwenzi estensivi u fuq żmien itwal bħala riżultat, b'mod partikolari, tat-tibdil fil-klima u l-interazzjoni potenzjali bejn diversi perikli naturali u teknoloġiċi, approċċ integrat lejn il-ġestjoni tad-diżastri kull ma jmur qed isir aktar importanti. L-Unjoni Ewropea għandha tippromwovi s-solidarjetà u għandha tappoġġa, tikkomplementa u tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili bil-għan li jkun hemm titjib fl-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.

(2) Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom ([2]), riformulat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom. L-iffinanzjar ta' dak il-Mekkaniżmu ġie żgurat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom ([3]), li stabbilixxiet Strument Finanzjarju tal-Protezzjoni Ċivili ("l-Istrument Finanzjarju"). Hija tipprovdi li tingħata għajnuna finanzjarja mill-Unjoni, kemm bħala kontribut għat-titjib fl-effikaċja tar-reazzjoni għal emerġenzi ewlenin kif ukoll għat-tisħiħ ta' miżuri ta' prevenzjoni u tħejjija għat-tipi kollha ta' emerġenzi, inkluża l-kontinwazzjoni ta' miżuri li ttieħdu qabel skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE ([4]). L-Istrument Finanzjarju jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

(3) Il-protezzjoni li għandha tiġi żgurata taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (il-"Mekkaniżmu tal-Unjoni") għandha primarjament tkopri l-persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull tip ta' diżastru naturali u dak ikkawżat mill-bniedem, inklużi diżastri ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tas-saħħa, li jseħħu ġewwa jew barra l-Unjoni. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili u kwalunkwe għajnuna oħra f'emerġenza skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni tista' tkun meħtieġa f'dawk id-diżastri kollha biex tikkomplementa l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-pajjiż affettwat. Rigward diżastri kkawżati minn atti terroristiċi, jew minn inċidenti nukleari jew radjoloġiċi, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jkopri biss l-azzjonijiet ta' tħejjija u ta' reazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili.

(4) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) billi jagħmel ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tiegħu disponibbli skont kif ikun meħtieġ.

(5) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jikkostitwixxi espressjoni viżibbli ta' solidarjetà Ewropea billi jiżgura kontribut prattiku u f'waqtu għall-prevenzjoni u għat-tħejjija għal diżastri u r-reazzjoni għad-diżastri u d-diżastri imminenti mingħajr preġudizzju għall-prinċipji gwida u arranġamenti rilevanti fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-Istati Membri fit-trattati bilaterali jew multilaterali, li jirreferu għall-materji koperti b'din id-Deċiżjoni, u lanqas ir-responsabbiltà tal-Istati Membri biex jipproteġu persuni, l-ambjent, u l-proprjetà fit-territorju tagħhom.

(6) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jikkunsidra b'mod xieraq il-liġi rilevanti tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali, u jagħmel l-aħjar użu minn sinerġiji permezz ta' inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, bħall-programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus), il-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u l-Ambjent Komuni għall-Iskambju tal-Informazzjoni (CISE).

([1]) ĠU C 277, 13.9.2012, p. 164.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' assistenza fil-protezzjoni ċivili (ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom tal-5 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE tad-9 ta' Diċembru 1999 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju fil-qasam tal-protezzjoni ċivili (ĠU L 327, 21.12.1999, p. 53).

(7) Ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-ġestjoni tad-diżastri huwa ta' importanza kbira. Jeħtieġ għalhekk li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkunu involuti b'mod xieraq fl-attivitajiet li jsiru taħt din id-Direttiva skont l-istrutturi nazzjonali tal-Istati Membri.

(8) Il-prevenzjoni hija ta' importanza kruċjali għall-protezzjoni kontra d-diżastri u tirrikjedi aktar azzjoni kif mitlub fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 u fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Settembru 2010 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem". Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika għal azzjonijiet tal-Unjoni rigward il-prevenzjoni tar-riskju tad-diżastri mmirat għall-ksib ta' livell ogħla ta' protezzjoni u reżiljenza kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom u bit-trawwim ta' kultura ta' prevenzjoni, inkluż kont debitu tal-impatt probabbli tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa għal azzjoni xierqa ta' adattament. Minn din il-perspettiva, il-valutazzjonijiet tar-riskju, l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju, il-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju mwettqa minn kull Stat Membru f'livell nazzjonali jew f'livell subnazzjonali xieraq li tinvolvi, kif ikun meħtieġ, servizzi rilevanti oħra, perspettiva tar-riskji mħejjija fil-livell tal-Unjoni u evalwazzjoni bejn il-pari huma essenzjali biex jiżguraw approċċ integrat għal ġestjoni ta' diżastri, bir-rabta bejn azzjonijiet ta' prevenzjoni tar-riskju, ta' tħejjija u ta' reazzjoni. Għalhekk, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jinkludi qafas ġenerali għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar ir-riskji u l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tar-riskju mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 346 tat-TFUE, li jiżgura li l-ebda Stat Membru ma għandu jkun obbligat jipprovdi informazzjoni li huwa jqis li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu.

(9) Permezz tal-kontribuzzjoni għall-iżvilupp ulterjuri u l-integrazzjoni aħjar ta' sistemi transnazzjonali ta' individwazzjoni u sistemi ta' twissija u ta' allarm bikrija li jkunu ta' interess Ewropew, l-Unjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ ta' reazzjoni għad-diżastri u jwissu liċ-ċittadini tal-Unjoni. Tali sistemi għandhom iqisu u jibnu fuq is-sorsi u s-sistemi eżistenti u futuri ta' informazzjoni, filwaqt li jinkoraġġixxu teknoloġiji rilevanti ġodda.

(10) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jinkludi qafas ġenerali ta' politika mmirat biex kontinwament itejjeb il-livell ta' tħejjija tas-sistemi ta' protezzjoni ċivili, is-servizzi, il-persunal tagħhom u l-popolazzjoni ġewwa l-Unjoni. Dan għandu jinkludi programm ta' eżerċizzji, programm ta' tagħlimiet meħuda kif ukoll programmi u netwerk ta' taħriġ, fil-livell tal-Unjoni u tal-Istat Membru, rigward il-prevenzjoni tad-diżastri, u t-tħejjija u r-reazzjoni għalihom kif mitlub fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 dwar arranġamenti Ewropej ta' taħriġ għall-ġestjoni tad-diżastri.

(11) L-iżvilupp ta' moduli tal-intervent ta' għajnuna tal-protezzjoni ċivili, li jkunu magħmulin mir-riżorsi ta' Stat Membru wieħed jew aktar, li jimmiraw li jkunu kompletament interoperabbli, għandu jiġi segwit sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u tkompli tiġi żviluppata r-reazzjoni rapida kkoordinata u konġunta tal-Istati Membri. Il-moduli għandhom ikunu organizzati fil-livell tal-Istati Membri u jkunu soġġetti għal kmand u l-kontroll tagħhom.

(12) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jiffaċilita l-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' interventi ta' għajnuna. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq struttura tal-Unjoni li tikkonsisti f'Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC), Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (EERC) fil-forma ta' konsorzju volontarju ta' kapaċitajiet impenjati minn qabel mill-Istati Membri, esperti mħarrġa, Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza (CECIS) ġestita mill-Kummissjoni u punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Hija għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata dwar is-sitwazzjoni, għad-diffużjoni fost l-Istati Membri u għall-qsim ta' lezzjonijiet meħuda mill-interventi.

(13) Sabiex jittejjeb l-ippjanar tal-operazzjonijiet ta' reazzjoni għad-diżastri skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u tittejjeb id-disponibbiltà ta' kapaċitajiet prinċipali, jeħtieġ li tiġi żviluppata EERC fil-forma ta' konsorzju volontarju ta' kapaċitajiet impenjati minn qabel mill-Istati Membri u proċess strutturat biex jiġu identifikati l-lakuni potenzjali fil-kapaċitajiet.

(14) Fir-rigward tal-interventi ta' għajnuna bħala reazzjoni għad-diżastri 'l barra mill-Unjoni, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jiffaċilita u jappoġġa azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri u l-Unjoni bħala entità sħiħa sabiex tiġi promossa l-konsistenza f'ħidma internazzjonali tal-protezzjoni ċivili. In-Nazzjonijiet Uniti, fil-każijiet fejn tkun preżenti, għandha rwol ta' koordinament globali għall-operazzjonijiet ta' għajnuna fil-pajjiżi terzi. L-għajnuna pprovduta skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandha tiġi kkoordinata man-Nazzjonijiet Uniti u ma' atturi internazzjonali oħra rilevanti biex tkabbar kemm jista' jkun l-użu tar-riżorsi disponibbli u tevita kwalunkwe duplikazzjoni inutli tal-isforzi. Il-koordinazzjoni mtejba tal-għajnuna fil-protezzjoni ċivili permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni hija prerekwiżit għall-appoġġ tal-isforz ta' koordinazzjoni globali u l-iżgurar ta' kontribut komprensiv tal-Unjoni għall-isforz globali ta' għajnuna. F'diżastri fejn l-għajnuna tingħata kemm taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni kif ukoll taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 [1], il-Kummissjoni għandha tiżgura l-effikaċja, il-koerenza u l-komplementarjetà tar-reazzjoni komprensiva tal-Unjoni, fir-rigward tal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja [2].

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

[2] Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea (ĠU C 25, 30.1.2008, p. 1).

(15) Jeħtieġ li jittejbu d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' mezzi adegwati tat-trasport biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida fuq il-livell tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tappoġġa u tikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri billi tiffaċilita l-koordinazzjoni u l-ġbir flimkien tar-riżorsi tat-trasport u billi tikkontribwixxi, fejn meħtieġ, għall-iffinanzjar ta' mezzi addizzjonali ta' trasport, soġġetti għal ċerti kriterji u b'kont meħud tas-sistemi eżistenti.

(16) Interventi ta' għajnuna għandhom ikunu mmexxija mit-talbiet u soġġetti għal koordinazzjoni sħiħa fuq il-post sabiex tinkiseb l-akbar effikaċja possibbli u jkun żgurat l-aċċess għal popolazzjonijiet affettwati. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ loġistiku xieraq għat-timijiet ta' esperti mibgħuta.

(17) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jista' jintuża wkoll biex jipprovdi appoġġ ta' protezzjoni ċivili lill-għajnuna konsulari għaċ-ċittadini tal-Unjoni f'każijiet ta' diżastri f'pajjiżi terzi, jekk dan jintalab mill-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri kkonċernati għandhom, kull fejn possibbli, jikkoordinaw tali talbiet bejniethom u ma' atturi rilevanti oħra biex jiżguraw l-aħjar użu mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni u jevitaw diffikultajiet prattiċi fuq il-post. Dan l-appoġġ jista' jintalab pereżempju mill-"Istat Mexxej" jew l-Istat Membru li qed jikkoordina l-għajnuna għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Il-kunċett tal-"Istat Mexxej" għandu jinftiehem skont il-linji gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-kunċett tal-Istat Mexxej konsulari ([1]). Din id-Deċiżjoni tapplika mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni konsulari għaċ-ċittadini tal-Unjoni barra minn pajjiżhom.

(18) Meta jiġu ppjanati operazzjonijiet ta' reazzjoni, huwa utli li jinżammu ukoll kuntatti ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti u entitajiet rilevanti oħra biex tiġi identifikata kwalunkwe kapaċità ta' reazzjoni oħra li jista' jkun li ssir disponibbli f'każ ta' diżastri permezz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(19) L-użu ta' mezzi militari taħt tmexxija ċivili bħala l-aħħar rimedju jista' jikkostitwixxi kontribut importanti għar-reazzjoni għad-diżastri. Meta l-użu ta' kapaċitajiet militari għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili jitqies xieraq, il-kooperazzjoni mal-persunal militari għandha ssegwi l-modalitajiet, il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill jew mill-korpi kompetenti tiegħu biex il-kapaċitajiet militari rilevanti għall-protezzjoni ċivili jkunu disponibbli għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni u għandha tkun konformi mal-linji gwida internazzjonali rilevanti.

([1]) ĠU C 317, 12.12.2008, p. 6.

(20) Meta l-għajnuna taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni tikkontribwixxi għal reazzjoni umanitarja tal-Unjoni, partikolarment f'emerġenzi kumplessi, l-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja skont din id-Deċiżjoni għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji umanitarji u l-prinċipji dwar l-użu tal-protezzjoni ċivili u tar-riżorsi militari stabbiliti fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja.

(21) Għandha tkun possibbli l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), tal-pajjiżi aderenti, tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali. Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni, kif ukoll il-pajjiżi li huma parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), għandhom jibbenefikaw ukoll minn ċerti azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni.

(22) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-interazzjoni tal-ERCC mal-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri u l-proċeduri operazzjonali għar-reazzjoni għad-diżastri ġewwa u barra l-Unjoni; il-komponenti taċ-CECIS u l-organizzazzjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz taċ-CECIS; il-proċess għall-istazzjonar ta' timijiet ta' esperti; l-identifikazzjoni ta' moduli, kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni u esperti; ir-rekwiżiti operazzjonali għall-funzjonament u l-interoperabbiltà tal-moduli; il-miri tal-kapaċità, ir-rekwiżiti rigward kwalità u interoperabbiltà u l-proċedura ta' ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-EERC, kif ukoll arranġamenti finanzjarji; l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tal-lakuni fl-EERC; l-organizzazzjoni ta' programm ta' taħriġ, qafas ta' eżerċizzju u programm tat-tagħlimiet meħuda; u l-organizzazzjoni tal-appoġġ għat-trasport ta' assistenza. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(23) Il-proċedura ta' eżami għandha tintuża għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni provduti f'din id-Deċiżjoni.

(24) Din id-Deċiżjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u tiffaċilita l-koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, billi tippermetti azzjonijiet aktar effikaċi minħabba l-iskala u l-komplementarjetà. Fejn il-kapaċitajiet ta' reazzjoni ta' Stat Membru ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' diżastru, dak l-Istat jista' jiddeċiedi li jagħmel appell għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni biex jikkomplementa r-riżorsi tiegħu stess tal-protezzjoni ċivili u riżorsi oħra ta' reazzjoni għad-diżastri.

([2]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011 p. 13).

(25) Billi l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala jew l-effetti, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dawk l-objettivi.

(26) Din id-Deċiżjoni ma taffettwax azzjonijiet li jaqgħu taħt att leġislattiv tal-Unjoni futur dwar l-istabbiliment ta' strument għall-istabbiltà], il-miżuri dwar is-saħħa pubblika adottati taħt l-atti legali tal-Unjoni li jikkonċernaw programmi ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa, u lanqas il-miżuri għas-sigurtà tal-konsumatur adottati taħt att leġislattiv tal-Unjoni futur dwar programm għall-konsumatur għall-perijodu 2014-2020.

(27) Għal raġunijiet ta' koerenza, l-azzjonijiet li jaqgħu taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/124/KE, Euratom ([1]) u taħt att leġislattiv tal-Unjoni futur dwar l-istabbiliment, bħala parti mill-Fond tas-Sigurtà Interna, tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni ta' kriżijiet jew li huma relatati mażżamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna mhumiex koperti minn din id-Deċiżjoni. Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal attivitajiet koperti mir-Regolament (KE) Nru 1257/96.

(28) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni huma mingħajr preġudizzju għall-adozzjoni ta' atti legalment vinkolanti skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-emerġenzi f'każ ta' diżastri nukleari jew radjoloġiċi.

(29) Din id-Deċiżjoni tkopri azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar, u t-tħejjija u r-reazzjoni għalih bl-eċċezzjoni ta' azzjonijiet li jaqgħu taħt ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(30) Sabiex il-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tista' tiffinanzja dawk attivitajiet relatati mat-tħejjija, il-monitoraġġ, il-kontroll, il-verifika u l-evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni u għall-ksib tal-objettivi tiegħu.

(31) Ir-rimborż ta' spejjeż u l-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku u ta' għotjiet taħt din id-Deċiżjoni għandu jiġi implimentat skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Minħabba n-natura speċifika tal-azzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, huwa xieraq li jiġi previst li jistgħu jingħataw għotjiet lil persuni legali rregolati bid-dritt privat jew pubbliku. Huwa wkoll importanti li r-regoli tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jiġu osservati, b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipji ta' ekonomija, effiċjenza u effikaċja stabbiliti fih.

(32) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu tal-infiq kollu kemm hu, li jinkludu l-prevenzjoni, l-individwazzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, indebitament imħallsa jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, penali amministrattivi u finanzjarji f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

(33) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għad-durata sħiħa tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni li għandu jikkostitwixxi l-ammont primarju ta' referenza, fis-sens tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba ([4]), għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. Dan l-ammont ta' referenza huwa parzjalment iffinanzjat mill-Intestatura 3 "Sigurtà u Ċittadinanza" u parzjalment mill-Intestatura 4 "Ewropa Globali" tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020.

(34) Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi allokat skont il-perċentwali stipulati fl-Anness I.

(35) Sabiex tirrevedi l-mod kif jitqassam il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sat-30 ta' Ġunju 2017, fid-dawl tal-eżitu tal-evalwazzjoni interim, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Il-proċedura ta' urġenza għandha tapplika jekk, fi kwalunkwe mument, tkun meħtieġa reviżjoni immedjata tar-riżorsi baġitarji disponibbli għal azzjonijiet ta' reazzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/124/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013, bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet, il-Programm speċifiku "Prevenzjoni, Stat ta' Tħejjija u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà" (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 1).

([2]) Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea għas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

([3]) Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

([4]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

(36) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014 peress li hija relatata mal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

**OBJETTIVI ĠENERALI U SPEĊIFIĊI, SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Objettiv ġenerali u suġġett**

1. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (il-"Mekkaniżmu tal-Unjoni") għandu jimmira li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u li jiffaċilita l-koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili sabiex itejjeb l-effikaċja tassistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.

2. Il-protezzjoni li għandha tiġi żgurata taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandha primarjament tkopri l-persuni, imma wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, kontra kull tip ta' diżastru naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, inklużi l-konsegwenzi ta' atti terroristiċi u ta' diżastri teknoloġiċi, radjoloġiċi jew ambjentali, tniġġis tal-baħar u emerġenzi akuti tassaħħa, li jseħħu ġewwa jew barra l-Unjoni. Fil-każ tal-konsegwenzi ta' atti terroristiċi jew diżastri radjoloġiċi, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jista' jkopri biss l-azzjonijiet ta' tħejjija u ta' reazzjoni.

3. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni prattiċi, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri li jħarsu l-persuni, l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kultural,i fit-territorju tagħhom kontra diżastri u li jipprovdu kapaċitajiet suffiċjenti lis-sistemi tagħhom ta' ġestjoni tad-diżastri biex jippermettulhom ilaħħqu b'mod adegwat u konsistenti ma' diżastri ta' natura u skala li jistgħu raġonevolment jistennew u jkunu ppreparati għalihom.

4. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' assistenza finanzjarja taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

5. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni ma għandu jaffettwa bl-ebda mod l-obbligi taħt l-atti legali rilevanti eżistenti tal-Unjoni, taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika jew taħt ftehimiet internazzjonali eżistenti.

6. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-azzjonijiet imwettqa skont ir-Regolament (KE) Nru 1257/96, ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006, id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jew leġislazzjoni tal-Unjoni li tikkonċerna programmi ta' azzjoni fl-oqsma tas-saħħa, tal-affarijiet interni u tal-ġustizzja.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Tali kooperazzjoni għandha tinkludi:

(a) azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija fl-Unjoni u, sa fejn huma kkonċernati l-Artikoli 5(2) u 13(3) u 28, anke barra l-Unjoni; u

(b) azzjonijiet ta' għajnuna għar-reazzjoni għal konsegwenzi avversi immedjati ta' diżastru ġewwa jew barra l-Unjoni, inklużi fil-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 28(1), wara talba għall-għajnuna permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tikkunsidra l-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni jew l-gżejjer iżolati, l-aktar periferiċi u oħrajn tal-Unjoni f'termini ta' prevenzjoni tad-diżastri, u tħejjija u reazzjoni għalihom kif ukoll il-ħtiġijiet speċjali ta' pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej f'termini ta' reazzjoni għad-diżastri.

*Artikolu 3*

**Objettivi speċifiċi**

1. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jappoġġa, jikkomplementa u jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-azzjoni tal-Istati Membri fl-insegwiment tal-objettivi speċifiċi komuni li ġejjin:

(a) li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti potenzjali tagħhom, billi titħaddan kultura ta' prevenzjoni u billi tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-protezzjoni ċivili u servizzi rilevanti oħrajn;

(b) li titjieb it-tħejjija fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni għal reazzjoni ta' diżastru;

(c) li tiġi ffaċilitata reazzjoni rapida u effiċjenti fil-każ ta' diżastri jew diżastri imminenti; u

(d) li tiżdied is-sensibilizzazzjoni u t-tħejjija tal-pubbliku għad-diżastri.

2. Għandhom jintużaw indikaturi għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni kif xieraq tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Dawk l-indikaturi għandhom ikunu:

(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' prevenzjoni tad-diżastri li jitkejjel bl-għadd ta' Stati Membri li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sommarju tal-valutazzjonijiet tar-riskju u valutazzjoni tal-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 6;

[1] Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

(b) il-progress fiż-żieda tal-livell ta' tħejjija għal diżastri mkejjel bil-kwantità ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni inklużi fil-konsorzju volontarju fir-rigward tal-miri tal-kapaċità msemmija fl-Artikolu 11 u l-għadd ta' moduli rreġistrati fiċ-CECIS;

(c) il-progress fit-titjib tar-reazzjoni għad-diżastri: imkejla bil-ħeffa ta' interventi skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u l-livell sa fejn l-għajnuna tikkontribwixxi għall-ħtiġijiet fuq il-post; u

(d) il-progress fiż-żieda tas-sensibilizzazzjoni pubblika u tal-istat ta' tħejjija għal diżastri mkejla bil-livell ta' sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar ir-riskji fir-reġjun tagħhom.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. 'diżastru' tfisser kwalunkwe sitwazzjoni li jkollha jew li jista' jkollha impatt sever fuq il-persuni, l-ambjent, jew il-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali;

2. 'reazzjoni' tfisser kwalunkwe azzjoni meħuda fuq talba għal għajnuna taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni fl-eventwalità ta' diżastru imminenti, jew waqt jew wara diżastru, biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi avversi immedjati tiegħu;

3. 'tħejjija' tfisser stat ta' prontezza u kapaċità bħala riżultat tal-azzjoni meħuda minn qabel ta' mezzi, strutturi, komunitajiet u organizzazzjonijiet umani u materjali li jippermettilhom jiżguraw reazzjoni rapida u effettiva għal diżastru, miksub b'riżultat tal-azzjoni meħuda minn qabel;

4. 'prevenzjoni' tfisser kwalunkwe azzjoni mmirata biex tnaqqas ir-riskji jew ittaffi l-konsegwenzi avversi ta' diżastru għall-persuni, l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali;

5. 'twissija bikrija' tfisser l-għoti fil-ħin u effikaċi ta' informazzjoni li tippermetti li tittieħed azzjoni biex tevita jew tnaqqas ir-riskji u l-impatti avversi ta' diżastru u biex tiffaċilita stat ta' tħejjija għal reazzjoni effettiva;

6. 'modulu' tfisser arranġament awtosuffiċjenti u awtonomu ibbażat fuq kompiti u ħtiġijiet u definit minn qabel tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri jew tim mobbli operazzjonali tal-Istati Membri, li jirrappreżenta taħlita ta' mezzi umani u materjali, li jista' jkun deskritt f'termini tal-kapaċità tiegħu għal intervent jew tal- kompitu/i li huwa kapaċi jwettaq;

7. 'valutazzjoni tar-riskju' tfisser il-proċess transsettorjali globali ta' identifikazzjoni tar-riskji, analiżi tar-riskji, u evalwazzjoni tar-riskji li jsir fuq livell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt;

8. 'kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju' tfisser il-kapaċità ta' Stat Membru jew ir-reġjuni tiegħu li jnaqqsu jew itaffu r-riskji, (impatti u probabbiltà ta' diżastru), identifikati fil-valutazzjonijiet tiegħu tar-riskju għal livelli li huma aċċettabbli f'dak l-Istat Membru. Il-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju tiġi vvalutata f'termini tal-kapaċità teknika, finanzjarja u amministrattiva biex twettaq:

   (a) valutazzjonijiet tar-riskju adegwati;

   (b) ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju għal prevenzjoni u stat ta' tħejjija adegwat; u

   (c) miżuri ta' prevenzjoni tar-riskji u stat ta' tħejjija adegwati;

9. 'appoġġ tal-istat ospitanti' tfisser kwalunkwe azzjoni meħuda fil-fażijiet ta' tħejjija u reazzjoni mill-pajjiż li jirċievi jew jibgħat għajnuna, jew mill-Kummissjoni, biex jitneħħew ostakoli prevedibbli għal għajnuna internazzjonali offruta permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Dan jinkludi appoġġ mill-Istati Membri biex jiġi ffaċilitat it-tranżitu ta' din l-għajnuna mit-territorju tagħhom;

10. 'kapaċità ta' reazzjoni' tfisser għajnuna li tista' tiġi pprovduta permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni fuq talba;

11. 'appoġġ loġistiku' tfisser it-tagħmir jew servizzi essenzjali meħtieġa sabiex it-timijiet ta' esperti msemmija fl-Artikolu 17(1) iwettqu l-kompiti tagħhom, fosthom il-komunikazzjoni, l-akkomodazzjoni temporanja, l-ikel u t-trasport fil-pajjiż.

KAPITOLU II

**PREVENZJONI**

*Artikolu 5*

**Azzjonijiet preventivi**

1. Sabiex jiġu sodisfatti l-objettivi ta' prevenzjoni u jitwettqu l-azzjonijiet ta' prevenzjoni, il-Kummissjoni għandha:

(a) tieħu azzjoni biex ittejjeb il-bażi ta' għarfien fuq riskji ta' diżastru u tiffaċilita l-kondiviżjoni ta' għarfien, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni, inkluż fost l-Istati Membri li jikkondividu riskji komuni;

(b) tappoġġa u tippromwovi l-attività ta' valutazzjoni tar-riskju u tfassil ta' mapep mill-Istati Membri permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, u l-faċilitazzjoni tal-aċċess għal għarfien speċifiku u kompetenza esperta dwar kwistjonijiet ta' interess komuni;

(c) tistabbilixxi u taġġorna regolarment perspettiva ġenerali u mappa transsettorjali tar-riskji ta' diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem li tista' tiffaċċja l-Unjoni, billi tieħu approċċ koerenti fl-oqsma ta' politika differenti li jistgħu jindirizzaw jew jaffettwaw il-prevenzjoni tad-diżastri u billi tieħu kont debitu tal-impatti possibbli tat-tibdil fil-klima;

(d) tinkoraġġixxi skambju tal-aħjar prattiki dwar it-tħejjija ta' sistemi nazzjonali tal-protezzjoni ċivili biex ilaħħqu mal-impatt tat-tibdil fil-klima;

(e) tippromwovi u tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-attività ta' ġestjoni tar-riskju mill-Istati Membri permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, u l-faċilitazzjoni tal-aċċess għal konoxxenza u kompetenza esperta speċifiċi dwar kwistjonijiet ta' interess komuni;

(f) tikkompila u xxerred l-informazzjoni magħmula disponibbli mill-Istati Membri; torganizza skambju tal-esperjenzi dwar il-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju; tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri u sa tat-22 ta' Diċembru 2014, linji gwida dwar il-kontenut, il-metodoloġija u l-istruttura ta' dawk il-valutazzjonijiet; u tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-ippjanar tal-prevenzjoni u l-istat ta' tħejjija, inkluż permezz ta' evalwazzjonijiet volontarji bejn il-pari;

(g) tirrapporta perjodikament, skont l-iskadenzi stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 6, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 6;

(h) tippromwovi l-użu ta' diversi fondi tal-Unjoni li jistgħu jappoġġaw il-prevenzjoni sostenibbli ta' diżastri u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jisfruttaw dawk l-opportunitajiet ta' finanzjament;

(i) tenfasizza l-importanza tal-prevenzjoni tar-riskji u tappoġġa lill-Istati Membri fis-sensibilizzazzjoni, l-informazzjoni u l-edukazzjoni tal-pubbliku;

(j) tippromwovi miżuri ta' prevenzjoni fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 28, permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, u l-faċilitazzjoni tal-aċċess għal għarfien speċifiku u kompetenza esperta dwar kwistjonijiet ta' interess komuni; u

(k) f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tieħu aktar azzjoni preventiva ta' appoġġ u komplementari meħtieġa sabiex jinkiseb l-objettiv speċifikat fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1).

2. Fuq it-talba ta' Stat Membru, pajjiż terz jew in-Nazzjonijiet Uniti jew l-aġenziji tagħha, il-Kummissjoni tista' tistazzjona tim ta' esperti fuq il-post biex jipprovdi konsulenza dwar miżuri ta' prevenzjoni.

*Artikolu 6*

**Ġestjoni tar-riskju**

Sabiex jippromwovu approċċ effikaċi u koerenti għall-prevenzjoni tad-diżastri u l-istat ta' tħejjija għalihom billi jikkondividu informazzjoni mhux sensittiva, jiġifieri informazzjoni li l-iżvelar tagħha ma jmurx kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri, u l-aħjar prattiki fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżviluppaw valutazzjonijiet tar-riskju f'livell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sommarju tal-elementi rilevanti tagħhom sa tat-22 ta' Diċembru 2015 u kull tliet snin wara dan;

(b) jiżviluppaw u jirfinaw l-ippjanar tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastru f'livell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt;

(c) iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-valutazzjoni tal-kapaċità tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju f'livell nazzjonali jew f'livell subnazzjonali adatt kull tliet snin wara l-finalizzazzjoni tal-linji gwida rilevanti kif imsemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 5(1) u kull meta jkun hemm bidliet importanti; u

(d) jipparteċipaw, fuq bażi volontarja, f'evalwazzjonijiet bejn il-pari dwar il-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju.

KAPITOLU III

**STAT TA' TĦEJJIJA**

*Artikolu 7*

**Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza**

Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC) huwa b'dan stabbilit. L-ERCC għandu jiżgura kapaċità operazzjonali għal 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa, u għandu jservi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-kisba tal-objettivi tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

*Artikolu 8*

**Azzjonijiet ta' tħejjija ġenerali tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni għandha twettaq l-azzjonijiet ta' tħejjija li ġejjin:

(a) tmexxi l-ERCC

(b) tiġġestixxi Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni ta' Emerġenza (CECIS) biex tippermetti l-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-ERCC u l-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri;

(c) tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-integrazzjoni aħjar ta' sistemi transnazzjonali ta' individwazzjoni, twissija bikrija u allarm ta' interess Ewropew biex tippermetti reazzjoni rapida, u biex tippromwovi l-interkonnessjoni bejn is-sistemi nazzjonali ta' twissija bikrija u ta' allarm u l-konnessjoni tagħhom mal-ERCC u ċ-CECIS. Dawk is-sistemi għandhom jikkunsidraw u jibnu fuq sorsi u sistemi eżistenti u futuri ta' informazzjoni, monitoraġġ u individwazzjoni;

(d) jistabbilixxu u jmexxu l-kapaċità li timmobilizza u tibgħat timijiet ta' esperti li jkunu responsabbli sabiex:

(i) jivvalutaw il-ħtiġijiet li jistgħu possibbilment jiġu ttrattati bil-Mekkaniżmu tal-Unjoni fl-Istat li jitlob għal għajnuna,

(ii) jiffaċilitaw, meta jkun meħtieġ, il-koordinazzjoni tal-għajnuna fil-post b'reazzjoni għad-diżastri u jżommu kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat li jitlob għal għajnuna, u

(iii) jappoġġaw lill-Istat li jagħmel it-talba b'kompetenza esperta dwar azzjonijiet ta' prevenzjoni, tħejjija jew reazzjoni;

(e) tistabbilixxi u żżomm il-kapaċità li tipprovdi appoġġ loġistiku għal dawk it-timijiet ta' esperti;

(f) tiżviluppa u żżomm netwerk ta' esperti mħarrġa tal-Istati Membri, li jistgħu jkunu disponibbli f'qasir żmien biex jgħinu lill-ERCC fil-monitoraġġ tal-informazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni;

(g) tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-pożizzjonament minn qabel tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni għad-diżastri tal-Istati Membri ġewwa l-Unjoni;

(h) tappoġġa sforzi għat-titjib tal-interoperabilità tal-moduli u kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni, billi tikkunsidra l-aħjar prattiki fil-livell tal-Istati Membri u fil-livell internazzjonali;

(i) tieħu l-azzjonijiet meħtieġa, fl-ambitu tal-kompetenzi tagħha, biex tiffaċilita l-appoġġ tan-nazzjon ospitanti, li jinkludu li tiżviluppa u taġġorna flimkien mal-Istati Membri, linji gwida dwar l-appoġġ tan-nazzjon ospitanti, abbażi tal-esperjenza operazzjonali;

(j) tappoġġa l-ħolqien ta' programmi ta' valutazzjoni volontarja bejn il-pari għall-istrateġiji ta' tħejjija tal-Istati Membri, ibbażati fuq kriterji predefiniti, li jippermettu li jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet biex jissaħħaħ il-livell ta' tħejjija tal-Unjoni; u

(k) f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tieħu aktar azzjoni ta' tħejjija komplementari u ta' appoġġ meħtieġa sabiex jinkiseb l-objettiv speċifikat fil-punt (b) tal-Artikolu 3(1).

*Artikolu 9*

**Azzjonijiet ta' tħejjija ġenerali tal-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom, fuq bażi volontarja, jaħdmu biex jiżviluppaw moduli, b'mod partikolari biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' intervent jew appoġġ ta' prijorità taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jidentifikaw, minn qabel, moduli, kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni u esperti fi ħdan is-servizzi kompetenti tagħhom, b'mod partikolarifi ħdan is-servizzi ta' protezzjoni ċivili jew servizzi oħra ta' emerġenza tagħhom, li jistgħu jsiru disponibbli għal intervent fil-mument tat-talba permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Huma għandhom jikkunsidraw li l-kompożizzjoni ta' moduli jew kapaċitajiet oħrajn ta' reazzjoni tista' tiddependi mit-tip ta' diżastru u mill-ħtiġijiet partikolari relatati mad-diżastru.

2. Il-moduli għandhom ikunu magħmula mir-riżorsi ta' Stat Membru wieħed jew aktar u għandhom:

(a) ikunu jistgħu jwettqu kompiti predefiniti fl-oqsma tar-reazzjoni f'konformità mal-linji gwida internazzjonali stabbiliti u għalhekk ikunu jistgħu:

(i) jintbagħtu fi żmien qasir ħafna wara talba għal għajnuna permezz tal-ERCC; u

(ii) jaħdmu b'mod awtosuffiċjenti u awtonomu għal perijodu ta' żmien speċifiku;

(b) ikunu interoperabbli ma' moduli oħra;

(c) iwettqu taħriġ u eżerċizzji sabiex jissodisfaw ir-rekwiżit tal-interoperabbiltà;

(d) jitqiegħdu taħt l-awtorità ta' persuna li tkun responsabbli għall-operazzjoni tal-moduli; u

(e) ikunu jistgħu jikkooperaw ma' korpi oħra tal-Unjoni u/jew istituzzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, kif ikun adatt.

3. L-Istati Membri għandhom, fuq bażi volontarja, jidentifikaw, minn qabel, esperti li jkunu jistgħu jintbagħtu bħala membri ta' timijiet ta' esperti, kif speċifikat fil-punt (d) tal-Artikolu 8.

4. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jipprovdu, kif ikun meħtieġ, kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni, li jistgħu jkunu disponibbli mis-servizzi kompetenti, jew li jistgħu jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u entitajiet oħra rilevanti.

Kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni jistgħu jinkludu riżorsi minn Stat Membru wieħed jew aktar u, fejn ikun adatt, għandhom:

(a) ikunu jistgħu jwettqu kompiti fl-oqsma tar-reazzjoni f'konformità mal-linji gwida internazzjonali stabbiliti u għalhekk ikunu jistgħu:

(i) jintbagħtu fi żmien qasir ħafna wara talba għal għajnuna permezz tal-ERCC; u

(ii) jaħdmu b'mod awtosuffiċjenti u awtonomu fejn ikun meħtieġ għal perijodu ta' żmien speċifiku;

(b) ikunu jistgħu jikkooperaw ma' korpi oħra tal-Unjoni u/jew istituzzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, kif ikun adatt.

5. L-Istati Membri jistgħu, soġġett għal salvagwardji xierqa tas-sigurtà, jipprovdu informazzjoni dwar il-kapaċitajiet militari rilevanti li jistgħu jintużaw bħala l-aħħar rimedju bħala parti mill-għajnuna permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, bħat-trasport jew appoġġ loġistiku jew mediku.

6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni rilevanti dwar l-esperti, il-moduli u kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni li jqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-għajnuna permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni kif hemm imsemmi fil-paragrafi 1 sa 5 u għandhom jaġġornaw din l-informazzjoni meta jkun meħtieġ.

7. L-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt, kif imsemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 8, u jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

8. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjonijiet xierqa ta' tħejjija biex jiffaċilitaw l-appoġġ tan-nazzjon ospitanti.

9. L-Istati Membri, appoġġati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 23, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw it-trasport f'waqtu tal-għajnuna li joffru.

*Artikolu 10*

**Ippjanar tal-operazzjonijiet**

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex itejbu l-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni għad-diżastri taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, inkluż permezz ta' bini ta' xenarji għar-reazzjoni għad-diżastri, mapep tal-assi u l-iżvilupp ta' pjani għall-istazzjonar tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jippromwovu sinerġiji bejn iffinanzjar għal għajnuna għall-protezzjoni ċivili u għajnuna umanitarja pprovduti mill-Unjoni u l-Istati Membri fl-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni għal kriżijiet umanitarji barra l-Unjoni.

*Artikolu 11*

**Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza**

1. Għandha tiġi stabbilita Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (EERC). Din għandha tikkonsisti minn konsorzju volontarju ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni mwiegħda minn qabel mill-Istati Membri u tinkludi moduli, kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni u esperti.

2. Fuq il-bażi ta' riskji identifikati, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi t-tipi u n-numru ta' kapaċitajiet ewlenin ta' reazzjoni meħtieġa għall-EERC ("miri tal-kapaċità").

3. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi rekwiżiti tal-kwalità għall-kapaċitajiet ta' reazzjoni li l-Istati Membri jwiegħdu għall-EERC. Ir-rekwiżiti tal-kwalità għandhom ikunu bbażati fuq standards internazzjonali, fejn tali standards diġà jeżistu. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw il-kwalità tal-kapaċitajiet tagħhom ta' reazzjoni.

4. Il-Kummissjoni tistabbilixxi u timmaniġġa proċess għaċ-ċertifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli għall-EERC.

5. L-Istati Membri għandhom, fuq bażi volontarja, jidentifikaw u jirreġistraw, fuq bażi volontarja, il-kapaċitajiet ta' reazzjoni li jwiegħdu għall-EERC. Ir-reġistrazzjoni ta' moduli multinazzjonali pprovduti minn żewġ Stati Membri jew aktar għandha ssir b'mod konġunt mill-Istati Membri kollha kkonċernati.

6. Il-kapaċitajiet ta' reazzjoni li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-EERC għandhom jibqgħu disponibbli f'kull ħin għall-finijiet nazzjonali.

7. Il-kapaċitajiet ta' reazzjoni li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-EERC għandhom ikunu disponibbli għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wara talba għal għajnuna permezz tal-ERCC. Id-deċiżjoni aħħarija dwar l-istazzjonar tagħhom għandha tittieħed mill-Istati Membri li rreġistraw il-kapaċità ta' reazzjoni kkonċernata. Meta minħabba emerġenzi domestiċi, force majeure, jew f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet serji oħra, Stat Membru ma jkunx jista' jagħmel dawk il-kapaċitajiet ta' reazzjoni disponibbli f'diżastru speċifiku, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli billi jirreferi għal dan l-Artikolu.

8. Fil-każ ta' stazzjonar, il-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Istati Membri għandhom jibqgħu taħt il-kmand u l-kontroll tagħhom u jistgħu jiġu rtirati, meta minħabba emerġenzi domestiċi, force majeure, jew f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet serji oħra, Stat Membru ma jkunx jista' jżomm dawk il-kapaċitajiet ta' reazzjoni disponibbli, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Il-koordinazzjoni fost il-kapaċitajiet differenti ta' reazzjoni għandha tkun iffaċilitata fejn meħtieġ mill-Kummissjoni permezz tal-ERCC f'konformità mal-Artikoli 15 u 16.

9. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw sensibilizzazzjoni pubblika xierqa dwar l-interventi li jinvolvu l-EERC.

*Artikolu 12*

**Indirizzar ta' lakuni fil-kapaċità ta' reazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ tal-progress lejn il-miri tal-kapaċità stipulati skont l-Artikolu 11(2) u tidentifika lakuni fil-kapaċità ta' reazzjoni potenzjalment sinifikanti fl-EERC.

2. Fejn ikunu ġew identifikati lakuni potenzjalment sinifikanti, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-kapaċitajiet meħtieġa humiex disponibbli għall-Istati Membri minn barra l-EERC.

3. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jindirizzaw, jew b'mod individwali jew permezz ta' konsorzju ta' Stati Membri f'kooperazzjoni rigward riskji komuni, kwalunkwe nuqqas strateġiku ta' kapaċità li jkun ġie identifikat skont il-paragrafu 2. Il-Kummissjoni tista' tappoġġa lill-Istati Membri f'dawk l-attivitajiet f'konformità mal-Artikolu 20, il-punti (i) u (j) tal-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 21(2).

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn dwar il-progress li jkun sar rigward il-ksib tal-miri tal-kapaċità u l-lakuni li jifdal fl-EERC.

*Artikolu 13*

**Taħriġ, eżerċizzji, tagħlimiet meħuda u tixrid ta' għarfien**

1. Il-Kummissjoni, fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni, għandha twettaq il-kompiti li ġejjin fil-qasam tat-taħriġ, l-eżerċizzji, it-tagħlimiet meħuda u t-tixrid tal-għarfien:

(a) tistabbilixxi u tmexxi programm ta' taħriġ għall-persunal tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tal-emerġenzi dwar il-prevenzjoni tad-diżastri, u t-tħejjija, u r-reazzjoni għalihom. Il-programm għandu jinkludi korsijiet konġunti u sistema għall-iskambju ta' esperti, li biha individwi jistgħu jiġu ssekondati fi Stati Membri oħra.

Il-programm ta' taħriġ għandu jkollu l-għan li jsaħħaħ il-koordinazzjoni, il-kompatibbiltà u l-komplementarjetà bejn il-kapaċitajiet imsemmija fl-Artikoli 9 u 11, u li jtejjeb il-kompetenza tal-esperti msemmija fil-punti (d) u (f) tal-Artikolu 8;

(b) tistabbilixxi u tmexxi netwerk ta' taħriġ miftuħ għaċ-ċentri ta' taħriġ għal persunal tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tal-emerġenzi kif ukoll għal atturi oħra rilevanti u istituzzjonijiet dwar il-prevenzjoni tad-diżastri, u t-tħejjija u r-reazzjoni għalihom.

In-netwerk ta' taħriġ għandu jkollu l-għan li:

(i) isaħħaħ il-fażijiet kollha tal-ġestjoni tad-diżastri, b'kont meħud tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu;

(ii) joħloq sinerġiji fost il-membri tiegħu permezz ta' skambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki, riċerka rilevanti, tagħlimiet meħuda, korsijiet u workshops, eżerċizzji u proġetti pilota; u

(iii) jiżviluppa gwida dwar it-taħriġ tal-protezzjoni ċivili tal-Unjoni u internazzjonali, inkluż taħriġ dwar il-prevenzjoni tad-diżastri, u t-tħejjija u r-reazzjoni għalihom;

(c) tiżviluppa u tmexxi qafas strateġiku li jistabbilixxi l-objettivi u r-rwol tal-eżerċizzji, pjan komprensiv fit-tul li jiddeskrivi l-prijoritajiet tal-eżerċizzji, kif ukoll tistabbilixxi u tmexxi programm ta' eżerċizzji;

(d) tistabbilixxi u tmexxi programm ta' tagħlimiet meħuda mill-azzjonijiet tal-protezzjoni ċivili mwettqa fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni li jinkludi aspetti miċ-ċiklu sħiħ tal-ġestjoni tad-diżastri, sabiex jipprovdi bażi wiesgħa għall-proċessi tat-tagħlim u l-iżvilupp tal-għarfien. Il-programm għandu jinkludi:

(i) monitoraġġ, analiżi u evalwazzjoni tal-azzjonijiet kollha rilevanti tal-protezzjoni ċivili fi ħdan il-Mekkaniżmu tal-Unjoni;

(ii) promozzjoni tal-implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda sabiex jinkiseb pedament ibbażat fuq l-esperjenza għall-iżvilupp ta' attivitajiet fiċ-ċiklu ta' ġestjoni tad-diżastri; u

(iii) żvilupp ta' metodi u għodod għall-ġbir, l-analiżi, il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda.

Dak il-programm għandu jinkudi wkoll, fejn xieraq, it-tagħlimiet meħuda mill-interventi barra l-Unjoni fir-rigward tal-isfruttar tal-konnessjonijiet u s-sinerġiji bejn l-għajnuna pprovduta skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u r-reazzjoni umanitarja;

(e) tiżviluppa gwida dwar it-tixrid tal-għarfien u l-implimentazzjoni tal-kompiti differenti msemmijin fil-punti (a) sa (d) fil-livell ta' Stati Membri; u

(f) tistimola u tinkoraġġixxi l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda rilevanti għall-fini tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

2. Meta twettaq il-kompiti stipulati fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tieħu kont b'mod partikolari tal-ħtieġa u l-interess ta' Stati Membri li jaffaċċjaw riskji ta' diżastru ta' natura simili.

3. Fuq it-talba ta' Stat Membru, pajjiż terz jew in-Nazzjonijiet Uniti jew l-aġenziji tagħha, il-Kummissjoni tista' tistazzjona tim ta' esperti fil-post biex jipprovdi konsulenza dwar miżuri ta' tħejjija.

KAPITOLU IV

**REAZZJONI**

*Artikolu 14*

**Notifika tad-diżastri ġewwa l-Unjoni**

1. Fil-każ ta' diżastru ġewwa l-Unjoni, jew ta' diżatru imminenti, li jikkawża jew jista' jikkawża effetti transkonfinali jew li jaffettwa jew li jista' jaffettwa Stati Membri oħra, l-Istat Membru fejn iseħħ jew x'aktarx iseħħ id-diżastru għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika lill-Istati Membri potenzjalment affettwati u, meta l-effetti jkunu potenzjalment sinifikanti, lill-Kummissjoni.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-obbligu tan-notifika jkun diġà ġie indirizzat taħt leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, taħt iit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika jew taħt ftehimiet internazzjonali eżistenti.

2. Fl-eventwalità ta' diżastru ġewwa l-Unjoni, jew ta' diżastru imminenti, li x'aktarx jirriżulta f'talba għal għajnuna minn Stat Membru wieħed jew aktar, l-Istat Membru fejn iseħħ jew x'aktarx iseħħ id-diżastru għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika lill-Kummissjoni, li talba għall-għajnuna permezz tal-ERCC tista' tiġi mistennija, biex il-Kummissjoni tkun tista', kif xieraq, tinforma lill-Istati Membri l-oħra u tattiva s-servizzi kompetenti tagħha.

3. In-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 u 2 għandhom isiru permezz taċ-CECIS, kif xieraq.

*Artikolu 15*

**Reazzjoni għad-diżastri ġewwa l-Unjoni**

1. Meta jseħħ diżastru ġewwa l-Unjoni, jew ikun imminenti, l-Istat Membru affettwat jista' jitlob għall-għajnuna permezz tal-ERCC. It-talba għandha tkun speċifika kemm jista' jkun.

2. F'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' riskju miżjud, Stat Membru jista' jitlob ukoll għajnuna fil-forma ta' pożizzjonament temporanju minn qabel ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni.

3. Mal-wasla tat-talba għall-għajnuna, il-Kummissjoni għandha, kif ikun adatt u mingħajr dewmien:

(a) tibgħat it-talba lill-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri l-oħra;

(b) tiġborinformazzjoni vvalidata dwar is-sitwazzjoni, flimkien mal-Istat Membru affettwat, u xxerred dik l-informazzjoni mal-Istati Membri;

(c) tagħmel rakkomandazzjonijiet, f'konsultazzjoni mal-Istat Membru li jagħmel it-talba, għall-għoti ta' għajnuna permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, abbażi tal-ħtiġijiet fil-post u kwalunkwe pjani rilevanti żviluppati minn qabel, kif imsemmija fl-Artikolu 10(1), tistieden lill-Istati Membri biex jistazzjonaw kapaċitajiet speċifiċi u tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-assistenza; u

(d) tieħu aktar azzjoni biex tiffaċilita l-koordinazzjoni tar-reazzjoni.

4. Kull Stat Membru li lilu tkun indirizzata talba għal għajnuna permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu minnufih jistabbilixxi jekk hux f'pożizzjoni li jagħti l-għajnuna mitluba u jinforma lill-Istat Membru li jagħmel it-talba bid-deċiżjoni tiegħu permezz taċ-CECIS, filwaqt li jindika l-ambitu, it-termini u, jekk ikun applikabbli, l-ispejjeż tal-għajnuna li jkun jista' jagħti. L-ERCC għandu jżomm lill-Istati Membri infurmati.

5. L-Istat Membru li jagħmel it-talba għandu jkun responsabbli biex jidderieġi l-interventi ta' għajnuna. L-awtoritajiet tal-Istat Membru li jagħmel it-talba għandhom jistabbilixxu linji gwida u, jekk meħtieġ, jiddefinixxu l-limiti tal-kompiti fdati lill-moduli jew kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni. Id-dettalji tat-twettiq ta' dawk il-kompiti għandhom jitħallew għall-persuna inkarigata maħtura mill-Istat Membru li jkun qed jagħti l-għajnuna. L-Istat Membru li jagħmel it-talba jista' jitlob ukoll għall-istazzjonament ta' tim ta' esperti biex jappoġġa l-valutazzjoni tiegħu, jiffaċilita l-koordinazzjoni fuq il-post bejn timijiet tal-Istati Membri jew jipprovdi konsulenza teknika.

6. L-Istat Membru li jagħmel it-talba għandu jieħu l-azzjonijiet xierqa biex jiffaċilita l-appoġġ tan-nazzjon ospitanti għall-għajnuna li jirċievi.

7. Ir-rwol tal-Kummissjoni msemmi f'dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-kompetenzi u r-responsabbiltà tal-Istati Membri għat-timijiet, il-moduli u kapaċitajiet oħra tagħhom ta' appoġġ, inkluż kapaċitajiet militari. B'mod partikolari, l-appoġġ offrut mill-Kummissjoni ma għandux jinvolvi l-kmand u l-kontroll tat-timijiet, il-moduli u appoġġ ieħor tal-Istati Membri, li għandhom jiġu stazzjonati fuq bażi volontarja f'konformità mal-koordinament fil-livell ta' kwartieri ġenerali u fil-post.

*Artikolu 16*

**Promozzjoni tal-konsistenza fir-reazzjoni għad-dizastri barra l-Unjoni**

1. Meta jseħħ diżastru barra l-Unjoni, jew ikun imminenti, il-pajjiż affettwat jista' jitlob għal għajnuna permezz tal-ERCC. L-għajnuna tista' tintalab ukoll permezz ta' jew min-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha, jew minn organizzazzjoni internazzjonali rilevanti.

2. L-interventi skont dan l-Artikolu jistgħu jitmexxew jew bħala intervent awtonomu ta' assistenza jew inkella bħala kontribut għal intervent immexxi minn organizzazzjoni internazzjonali. Il-koordinazzjoni mill-Unjoni għandha tkun integrata b'mod sħiħ mal-koordinazzjoni globali pprovduta mill-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji tan-Nazzjonijiet Uniti (OCHA), u għandha tirrispetta r-rwol ta' tmexxija ta' din tal-aħħar.

3. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-konsistenza fit-twassil tal-għajnuna permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

(a) iż-żamma ta' djalogu mal-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat kontribut ta' reazzjoni għad-diżastri effettiva u koerenti tal-Unjoni, permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, għall-isforz ġenerali ta' sokkors, b'mod partikolari billi:

   (i) l-Istati Membri jiġu infurmati mingħajr dewmien bit-talbiet sħaħ għall-għajnuna;

   (ii) jingħata appoġġ għal valutazzjoni komuni tas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet, bl-għoti ta' konsulenza teknika u/jew bil-faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni tal-għajnuna fuq il-post permezz tal-preżenza ta' tim ta' esperti tal-protezzjoni ċivili fuq il-post;

   (iii) jiġu kondiviżi valutazzjonijiet u analiżi rilevanti mal-atturi kollha rilevanti;

   (iv) tiġi pprovduta deskrizzjoni ġenerali tal-għajnuna li qed tiġi offruta mill-Istati Membri u minn atturi oħra;

   (v) jingħataw pariri dwar it-tip ta' għajnuna meħtieġa biex jiġi żgurat li l-għajnuna pprovduta tkun konsistenti mal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet; u

   (vi) tingħata għajnuna biex tingħeleb kull diffikultà prattika fl-għoti ta' għajnuna f'żoni bħat-transitu u d-dwana;

(b) isiru minnufih rakkomandazzjonijiet, meta jkun possibbli f'kooperazzjoni mal-pajjiż affettwat, ibbażati fuq il-ħtiġijiet fil-post u kwalunkwe pjan rilevanti żviluppat minn qabel, li jistiednu lill-Istati Membri jistazzjonaw kapaċitajiet speċifiċi u jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-għajnuna mitluba;

(c) jinżammu kuntatti mal-pajjiż affettwat dwar dettalji tekniċi bħall-ħtiġijiet preċiżi għall-għajnuna, l-aċċettazzjoni ta' offerti u l-arranġamenti prattiċi biex l-għajnuna tintlaqa' u titqassam lokalment;

(d) jinżammu kuntatti ma' jew jingħata appoġġ lill-OCHA u jkun hemm kooperazzjoni ma' atturi rilevanti oħra li jikkontribwixxu għall-isforz globali ta' sokkors, biex jimmassimizzaw is-sinerġiji, ifittxu l-komplementarjetà u jevitaw id-duplikazzjoni u l-lakuni; u

(e) jinżammu kuntatti mal-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari fil-fażi tal-għeluq tal-intervent ta' għajnuna taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, biex jiffaċilita trasferiment mingħajr xkiel.

4. Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Kummissjoni, kif definit fil-paragrafu 3, u filwaqt li tiġi rispettata l-esiġenza ta' reazzjoni operazzjonali immedjata permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, malli ssir l-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, tinforma lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex ikun hemm konsistenza bejn l-operazzjoni tal-protezzjoni ċivili u r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż affettwat. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Istati Membri infurmati b'mod sħiħ f'konformità mal-paragrafu 3.

5. Fuq il-post, għandu jiġu żgurati kuntatti kif xieraq mad-delegazzjoni tal-Unjoni sabiex din tal-aħħar tiffaċilita l-kuntatti mal-gvern tal-pajjiż affettwat. Fejn ikun meħtieġ, id-delegazzjoni tal-Unjoni għandha tipprovdi appoġġ loġistiku lit-timijiet ta' esperti tal-protezzjoni ċivili msemmija fil-punt (ii) tal-punt (a) tal-paragrafu 3.

6. Kull Stat Membru li lilu tkun indirizzata talba għal għajnuna permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu minnufih jistabbilixxi jekk hux f'pożizzjoni li jagħti l-għajnuna mitluba u jinforma lill-ERCC bid-deċiżjoni tiegħu permezz taċ-CECIS, filwaqt li jindika l-ambitu u l-kondizzjonijiet dwar kwalunkwe għajnuna li jkun jista' jagħti. L-ERCC għandu jżomm lill-Istati Membri infurmati.

7. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jista' wkoll jintuża biex jipprovdi appoġġ ta' protezzjoni ċivili lill-għajnuna konsulari għaċ-ċittadini tal-Unjoni f'każijiet ta' diżastri f'pajjiżi terzi jekk dan jintalab mill-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri kkonċernati.

8. B'segwitu għal talba għal għajnuna, il-Kummissjoni tista' tieħu aktar azzjoni meħtieġa ta' appoġġ u komplementari biex tiżgura konsistenza fl-għoti tal-għajnuna.

9. Il-koordinazzjoni permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni ma għandu jaffettwa la l-kuntatti bilaterali bejn l-Istati Membri u l-pajjiż affettwat, u lanqas il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u n-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti. Tali kuntatti bilaterali jistgħu wkoll jintużaw biex jingħata kontribut għall-koordinazzjoni permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

10. Ir-rwol tal-Kummissjoni msemmi f'dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-kompetenzi u r-responsabbiltà tal-Istati Membri għat-timijiet, il-moduli u appoġġ ieħor tagħhom, inklużi kapaċitajiet militari. B'mod partikolari, l-appoġġ offrut mill-Kummissjoni ma għandux jinvolvi l-kmand u l-kontroll tat-timijiet, il-moduli u appoġġ ieħor tal-Istati Membri, li għandhom jiġu stazzjonati fuq bażi volontarja f'konformità mal-koordinazzjoni fil-livell ta' kwartieri ġenerali u fil-post.

11. Għandhom jitfittxu sinerġiji ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari ma' azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni bejn l-istrumenti u, fejn ikun xieraq, għandha tiżgura li l-azzjonijiet tal-protezzjoni ċivili tal-Istati Membri li jikkontribwixxu għal reazzjoni umanitarja usa' jkunu ffinanzjati sa fejn hu possibbli skont din id-Deċiżjoni.

12. Kull meta jiġi attivat il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, l-Istati Membri li jipprovdu għajnuna għal diżastru għandhom iżommu lill-ERCC informat b'mod sħiħ bl-attivitajiet tagħhom.

13. It-timijiet u l-moduli tal-Istati Membri li jipparteċipaw fuq il-post fl-intervent permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandhom jinżammu kuntatti mill-viċin mal-ERCC u mat-timijiet ta' esperti fuq il-post, kif hemm imsemmi fil-punt (ii) tal-punt (a) tal-paragrafu 3.

*Artikolu 17*

**Appoġġ fuq il-post**

1. Il-Kummissjoni tista' tagħżel, taħtar u tibgħat tim ta' esperti magħmul minn esperti pprovduti mill-Istati Membri:

(a) fil-każ ta' diżastru barra l-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 16(3);

(b) fil-każ ta' diżastru ġewwa l-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 15(5);

(c) fuq talba għal kompetenza esperta fil-prevenzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(2); jew

(d) fuq talba għal kompetenza esperta fit-tħejjija f'konformità mal-Artikolu 13(3).

Fit-tim jistgħu jiġu integrati esperti mill-Kummissjoni u minn servizzi oħra tal-Unjoni sabiex jappoġġaw lit-tim u jiffaċilitaw il-kuntatti mal-ERCC. Fit-tim jistgħu jiġu integrati esperti mibgħuta mill-OCHA jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra sabiex isaħħu l-kooperazzjoni u jiffaċilitaw valutazzjonijiet konġunti.

2. Il-proċedura għall-għażla u għall-ħatra ta' esperti għandha tkun kif ġej:

(a) l-Istati Membri għandhom jinnominaw esperti, taħt ir-responsabbiltà tagħhom, li jistgħu jiġu stazzjonati bħala membri tat-timijiet ta' esperti;

(b) il-Kummissjoni għandha tagħżel l-esperti u l-mexxej għal dawk it-timijiet abbażi tal-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom, inkluż il-livell tat-taħriġ dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni mwettaq, l-esperjenza preċedenti ta' missjonijiet taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u ħidma oħra internazzjonali ta' sokkors. L-għażla għandha tkun ibbażata wkoll fuq kriterji oħra, inklużi l-ħiliet lingwistiċi, sabiex ikun żgurat li t-tim fl-intier tiegħu jkollu l-ħiliet disponibbli meħtieġa għas-sitwazzjoni speċifika; u

(c) il-Kummissjoni għandha taħtar esperti/mexxejja tat-tim għall-missjoni bi qbil mal-Istat Membru li jinnominahom.

3. Meta jintbagħtu timijiet ta' esperti, huma għandhom jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn it-timijiet tal-intervent tal-Istati Membri u għandhom iżommu kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat li jagħmel it-talba kif stipulat fl-Artikolu 8(d). L-ERCC għandu jżomm kuntatt mill-qrib mat-timijiet ta' esperti u għandu jipprovdilhom gwida u appoġġ loġistiku.

*Artikolu 18*

**Trasport u tagħmir**

1. Fil-każ ta' diżastru, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni, l-Kummissjoni tista' tappoġġa lill-Istati Membri fil-kisba ta' aċċess għal tagħmir jew riżorsi ta' trasport billi:

(a) tipprovdi u tikkondividi informazzjoni dwar it-tagħmir u r-riżorsi tat-trasport li jistgħu jsiru disponibbli mill-Istati Membri, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-ġbir flimkien ta' tali tagħmir jew riżorsi tat-trasport;

(b) tgħin lill-Istati Membri biex jidentifikaw, u biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal, riżorsi tat-trasport li jistgħu jkunu disponibbli minn sorsi oħra, inkluż is-suq kummerċjali; jew

(c) tgħin lill-Istati Membri biex jidentifikaw tagħmir li jista' jkun disponibbli minn sorsi oħrajn, inkluż is-suq kummerċjali.

2. Il-Kummissjoni tista' tikkomplementa r-riżorsi ta' trasport ipprovduti mill-Istati Membri billi tipprovdi r-riżorsi addizzjonali tat-trasport meħtieġa biex tiġi żgurata reazzjoni rapida għad-diżastri.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI**

*Artikolu 19*

**Riżorsi baġitarji**

1. Il-pakkett finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-perijodu mill-2014 sal-2020 għandu jkun ta'fl-ammont EUR 368 428 000 fi prezzijiet attwali.

EUR 223 776 000 fi prezzijiet attwali għandhom jittieħdu mill-Intestatura 3 "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju pluriennali u EUR 144 652 000 fi prezzijiet attwali mill-Intestatura 4 "Ewropa Globali".

L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali.

2. Approprjazzjonijiet li jirriżultaw mir-rimborż magħmul mill-benefiċjarji għal azzjonijiet ta' reazzjoni għad-diżastri għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat fit-tifsira tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

3. L-allokazzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 jista' jkopri wkoll spejjeż marbuta mal-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni, li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni u għall-ksib tal-objettivi tiegħu.

Tali nefqa tista', b'mod partikolari, tkopri studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn huma relatati mal-objettivi ġenerali tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, spejjeż marbuta man-netwerks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju, inkluża l-interkonnessjoni tagħhom ma' sistemi eżistenti jew tal-futur imfassla biex jippromwovu skambju ta' data transsettorjali u tagħmir relatat, flimkien mal-ispejjeż kollha oħrajn tekniċi u amministrattivi għall-għajnuna mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-programm.

4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat, fuq il-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-perċentwali u l-prinċipji mniżżlin fl-Anness I.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi il-mod ta' tqassim imniżżel fl-Anness I fid-dawl tal-eżitu tal-evalwazzjoni interim imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 34(2). Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn neċessarju, fid-dawl tar-riżultati ta' dik ir-reviżjoni, atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 30, biex taġġusta kull waħda miċ-ċifri fl-Anness I b'aktar minn 8 punti perċentwali u sa 16-il punt perċentwali. Dawk l-atti ddelegati għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Ġunju 2017.

6. Meta, f'każ ta' reviżjoni neċessarja tar-riżorsi baġitarji disponibbli għall-azzjonijiet ta' reazzjoni, raġunijiet imperattivi ta' urġenza hekk jirrikjedu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati biex taġġusta kull waħda miċ-ċifri fl-Anness I b'aktar minn 8 punti perċentwali u sa 16-il punt perċentwali, fl-allokazzjonijiet baġitarji disponibbli u f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 31.

*Artikolu 20*

**Azzjonijiet ġenerali eliġibbli**

L-azzjonijiet ġenerali li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal għajnuna finanzjarja biex jissaħħu l-prevenzjoni tad-diżastri, u t-tħejjija u r-reazzjoni effettiva għalihom:

(a) studji, stħarriġ, immudellar u bini ta' xenarji biex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni;

(b) taħriġ, eżerċizzji, workshops, skambji ta' persunal u esperti, ħolqien ta' netwerks, proġetti ta' dimostrazzjoni u trasferiment ta' teknoloġija;

(c) attivitajiet ta' monitoraġġ, valutazzjoni u evalwazzjoni;

(d) informazzjoni pubblika, edukazzjoni u ħolqien ta' sensibilizzazzjoni pubblika u azzjonijiet assoċjati ta' tixrid, sabiex jiġu involuti ċ-ċittadini fil-prevenzjoni u l-minimizzazzjoni tal-effetti ta' diżastri fl-Unjoni u biex tingħata għajnuna liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex jipproteġu lilhom infushom b'mod aktar effettiv u sostenibbli;

(e) stabbiliment u tħaddim ta' programm ta' tagħlimiet meħuda minn interventi u eżerċizzji fil-kuntest tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, inkluż dwar oqsma rilevanti għall-prevenzjoni u għat-tħejjija; u

(f) azzjonijiet ta' komunikazzjoni u miżuri ta' sensibilizzazzjoni dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili tal-Istati Membri u tal-Unjoni fl-oqsma tal-prevenzjoni tad-diżastri, u t-tħejjija u r-reazzjoni għalihom.

*Artikolu 21*

**Azzjonijiet eliġibbli ta' prevenzjoni u ta' tħejjija**

1. L-azzjonijiet ta' prevenzjoni u ta' tħejjija li ġejjin huma eliġibbli għal għajnuna finanzjarja:

(a) il-kofinanzjament ta' proġetti, studji, workshops, stħarriġ u azzjonijiet u attivitajiet simili msemmija fl-Artikolu 5;

(b) il-kofinanzjament ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari, imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 6 u l-punt (j) tal-Artikolu 8;

(c) iż-żamma tal-funzjonijiet ipprovduti mill-ERCC, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 8;

(d) it-tħejjija biex jiġu mmobilizzati u jintbagħtu t-timijiet ta' esperti msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 8 u l-Artikolu 17 u l-iżvilupp u ż-żamma taż-żieda f'daqqa fil-kapaċità permezz ta' netwerk ta' esperti mħarrġa tal-Istati Membri, imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 8;

(e) l-istabbiliment u ż-żamma taċ-CECIS u strumenti li jippermettu l-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-ERCC u l-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri u ta' parteċipanti oħra fil-kuntest tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni;

(f) il-kontribut għall-iżvilupp ta' sistemi transnazzjonali ta' individwazzjoni, twissija bikrija u ta' allarm ta' interess Ewropew, biex tippermetti reazzjoni rapida kif ukoll biex tippromwovi l-interkonnessjoni bejn is-sistemi nazzjonali ta' twissija bikrija u ta' allarm u l-konnessjoni tagħhom mal-ERCC u ċ-CECIS. Dawk is-sistemi għandhom jikkunsidraw u jibnu fuq informazzjoni, sorsi u sistemi ta' monitoraġġ jew individwazzjoni eżistenti u tal-futur;

(g) l-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 10;

(h) l-appoġġ għall-attivitajiet ta' tħejjija deskritti fl-Artikolu 13;

(i) l-iżvilupp tal-EERC, kif imsemmi fl-Artikolu 11, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

(j) l-identifikazzjoni tal-lakuni fl-EERC f'konformità mal-Artikolu 12 u l-appoġġ lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' dawk in-nuqqasijiet permezz tal-kofinanzjament ta' kapaċitajiet ġodda ta' reazzjoni, sa massimu ta' 20 % tal-ispejjeż eliġibbli, dment li:

(i) il-ħtieġa għal kapaċitajiet ġodda tkun ikkonfermata permezz tal-valutazzjonijiet tar-riskju;

(ii) il-proċess ta' identifikazzjoni tal-lakuni stipulat fl-Artikolu 12 juri li dawk il-kapaċitajiet mhumiex disponibbli għall-Istati Membri;

(iii) dawk il-kapaċitajiet jiġu żviluppati mill-Istati Membri, jew billi jaġixxu b'mod individwali jew permezz ta' konsorzju;

(iv) dawk il-kapaċitajiet jiġu impenjati lejn il-konsorzju volontarju għal perijodu minimu ta' sentejn; u

(v) tali kofinanzjament ta' dawk il-kapaċitajiet huwa kosteffettiv.

Fejn ikun xieraq, għandha tingħata preferenza lill-konsorzji ta' Stati Membri li jikkooperaw fuq riskju komuni;

(k) l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' appoġġ loġistiku għat-timijiet ta' esperti msemmija fl-Artikolu 17(1);

(l) il-faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni tal-pożizzjonament minn qabel tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni għal diżastru tal-Istati Membri ġewwa l-Unjoni f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 8; u

(m) l-appoġġ għall-għoti ta' pariri dwar miżuri ta' prevenzjoni u tħejjija permezz tal-istazzjonament ta' tim ta' esperti fuq il-post, fuq talba ta' Stat Membru, pajjiż terz, in-Nazzjonijiet Uniti jew l-aġenziji tagħha, kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 13(3).

2. L-eliġibbiltà għal għajnuna finanzjarja għall-azzjonijiet msemmija fil-punt (i) tal-paragrafu 1 għandha tkun limitata għal:

(a) l-ispejjeż kollha fil-livell tal-Unjoni għall-istabbiliment u t-tmexxija tal-EERC u l-proċessi assoċjati msemmija fl-Artikolu 11;

(b) l-ispejjeż tal-korsijiet ta' taħriġ, l-eżerċizzji u l-workshops obbligatorji meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Istati Membri għall-finijiet tal-EERC ("spejjeż taċ-ċertifikazzjoni"). L-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jikkonsistu minn spejjeż għal kull unità jew ammonti sħaħ stabbiliti għal kull tip ta' kapaċità, li jkopru sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(c) l-ispejjeż mhux rikorrenti kollha meħtieġa biex jiġu aġġornati l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Istati Membri minn użu purament nazzjonali għal stat ta' tħejjija u disponibbiltà li jagħmilhom stazzjonabbli bħala parti mill-EERC, f'konformità mar-rekwiżiti ta' kwalità tal-konsorzju volontarju u r-rakkomandazzjonijiet ifformulati fil-proċess ta' ċertifikazzjoni ("spejjeż ta' adattament"). Dawk l-ispejjeż ta' adattament jistgħu jinkludu spejjeż relatati mal-interoperabbiltà ta' moduli u kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni, awtonomija, awtosuffiċjenza, trasportabbiltà, spejjeż ta' imballaġġ u spejjeż simili, kif ukoll spejjeż sabiex jiġu ffurmati kapaċitajiet multinazzjonali ta' reazzjoni (pereżempju workshops, taħriġ, żvilupp ta' metodoloġiji komuni, standards, proċeduri u attivitajiet simili), dment li dawk l-ispejjeż ikunu marbutin speċifikament mal-parteċipazzjoni tal-kapaċitajiet fil-konsorzju volontarju. Ma għandhomx ikopru l-ispejjeż tat-tagħmir jew ir-riżorsi umani meħtieġa għall-istabbiliment inizjali tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni jew spejjeż kurrenti ta' manteniment jew tħaddim. Dawk l-ispejjeż ta' adattament jistgħu jikkonsistu minn spejjeż għal kull unità jew ammonti sħaħ stabbiliti għal kull tip ta' kapaċità, li jkopru sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli, dment li dan ma jaqbiżx it-30 % tal-ispiża medja tal-iżvilupp tal-kapaċità; u

(d) l-ispejjeż tal-istabbiliment u l-ġestjoni ta' kuntratti qafas, ftehimiet qafas ta' sħubija jew arranġamenti simili biex jiġu indirizzati nuqqasijiet temporanji f'diżastri straordinarji, b'kont meħud ta' approċċ li jqis diversi perikli.

Il-finanzjament taħt il-punt (d) ta' dan il-paragrafu:

(i) jista' jkopri l-ispejjeż jew it-tariffi meħtieġa għat-tfassil, it-tħejjija, in-negozjati, il-konklużjoni u l-ġestjoni tal-kuntratti jew tal-arranġamenti kif ukoll l-ispejjeż tal-iżvilupp ta' proċeduri standard ta' tħaddim u eżerċizzji biex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-assi. Tali finanzjament jista' jkopri wkoll massimu ta' 40 % tal-ispejjeż involuti fl-iżgurar ta' aċċess rapidu għal dawk l-assi;

(ii) la għandu jkopri l-ispejjeż tax-xiri jew l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ġodda ta' reazzjoni, u lanqas l-ispiża tat-tħaddim ta' dawn il-kapaċitajiet addizzjonali f'sitwazzjoni ta' diżastru. L-ispejjeż tat-tħaddim ta' dawk il-kapaċitajiet addizzjonali f'sitwazzjoni ta' diżastru għandhom jiġġarbu mill-Istati Membri li jagħmlu t-talba għall-għajnuna;

(iii) ma għandhomx jaqbżu l-10 % tal-pakkett finanzjarjustabbilit fl-Artikolu 19(1). Fl-eventwalità li l-limitu massimu ta' 10 % jintlaħaq qabel it-tmiem tal-perijodu ta' programmazzjoni, u fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, dak il-limitu massimu ta' 10 % jista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, jinqabeż b'mhux aktar minn 5 punti perċentwali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konfomità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2);

*Artikolu 22*

**Azzjonijiet ġenerali eliġibbli**

L-azzjonijiet ta' reazzjoni li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal assistenza finanzjarja:

(a) meta jintbagħtu t-timijiet ta' esperti msemmija fl-Artikolu 17(1) flimkien ma' appoġġ loġistiku u meta jintbagħtu l-esperti msemmija fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 8;

(b) fl-eventwalità ta' diżastru, l-appoġġ lill-Istati Membri fil-kisba ta' aċċess għal tagħmir u riżorsi tat-trasport kif speċifikat fl-Artikolu 23; u

(c) b'segwitu għal talba għal għajnuna, it-teħid ta' azzjoni ta' appoġġ u komplementari addizzjonali neċessarja biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tar-reazzjoni b'mod l-aktar effikaċi.

*Article 23*

**Azzjonijiet eliġibbli marbuta mat-tagħmir u mar-riżorsi tat-trasport**

1. L-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għal assistenza finanzjarja sabiex jippermettu aċċess għal tagħmir u riżorsi tat-trasport taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni:

(a) l-għoti u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar tagħmir u riżorsi tat-trasport li l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli, bil-ħsieb tal-faċilitazzjoni tal-konsorzju ta' tali tagħmir jew riżorsi tat-trasport;

(b) l-għajnuna lill-Istati Membri biex jidentifikaw, u biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal, riżorsi tat-trasport li jistgħu jkunu disponibbli minn sorsi oħra, inkluż is-suq kummerċjali;

(c) għajnuna lill-Istati Membri biex jidentifikaw tagħmir li jista' jkun disponibbli minn sorsi oħra, inkluż is-suq kummerċjali; u

(d) finanzjament tar-riżorsi tat-trasport meħtieġa biex jiżguraw reazzjoni rapida għal diżastri. Tali azzjonijiet għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju fil-każ biss li jintlaħqu l-kriterji li ġejjin:

(i) tkun saret talba għal għajnuna skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 15 u 16;

(ii) ir-riżorsi addizzjonali tat-trasport ikunu meħtieġa sabiex tkun żgurata l-effikaċja tar-reazzjoni għal diżastru skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni;

(iii) l-għajnuna tkun tikkorrispondi mal-ħtiġijiet identifikati mill-ERCC u tingħata skont ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-ERCC dwar speċifikazzjonijiet tekniċi, kwalità, ħin u modalitajiet għall-għoti;

(iv) l-għajnuna tkun ġiet aċċettata mill-pajjiż li jagħmel it-talba, direttament jew permezz tan-Nazzjonijiet Uniti jew l-aġenziji tagħha, jew organizzazzjoni internazzjonali rilevanti, skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni; u

(v) l-għajnuna tkun tikkomplementa, għal diżastri f'pajjiżi terzi, kwalunkwe reazzjoni umanitarja globali tal-Unjoni.

2. L-ammont tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għal riżorsi tat-trasport ma għandux ikun iktar minn 55 % tal-ispiża totali eliġibbli.

3. Barra minn hekk, l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għat-trasport jista' jkopri massimu ta' 85 % tal-ispiża totali eliġibbli fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ispejjeż relatati mat-trasport tal-kapaċitajiet identifikati minn qabel għall-konsorzju volontarju f'konformità mal-Artikolu 11; jew

(b) l-għajnuna tkun meħtieġa biex tiġi indirizzata l-ħtieġa kritika u l-għajnuna ma tkunx disponibbli, jew ma tkunx disponibbli biżżejjed, fil-konsorzju volontarju.

4. Barra minn hekk, l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għar-riżorsi tat-trasport jista' jkopri massimu ta' 100 % tal-ispiża totali eliġibbli deskritta taħt il-punti (i), (ii) u (iii) jekk dan ikun meħtieġ biex il-konsorzju tal-għajnuna tal-Istati Membri jiffunzjona b'mod effikaċi u jekk l-ispejjeż jirrigwardaw waħda minn dawn li ġejjin:

(i) il-kiri għal żmien qasir tal-kapaċità ta' magazzinaġġ biex tinħażen temporanjament l-għajnuna mill-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat it-trasport koordinat tagħha;

(ii) l-imballaġġ mill-ġdid tal-għajnuna tal-Istati Membri biex isir użu massimu mill-kapaċitajiet ta' trasport disponibbli jew biex jiġu sodisfatti rekwiżiti operazzjonali speċifiċi; jew

(iii) it-trasport lokali tal-għajnuna f'konsorzju bil-ħsieb li jiġi żgurat l-għoti koordinat fid-destinazzjoni finali fil-pajjiż li jitlob l-għajnuna.

L-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni taħt dan il-paragrafu ma għandux jaqbeż EUR 75 000 fi prezzijiet attwali għal kull attivazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni. F'każijiet eċċezzjonali, dak il-limitu massimu jista' permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, jinqabeż. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).

5. F'każ ta' konsorzju tal-operazzjonijiet tat-trasport li jinvolvi diversi Stati Membri, Stat Membru jista' jieħu r-riedni biex jitlob appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għall-operazzjoni kollha.

6. Meta Stat Membru jitlob lill-Kummissjoni biex tikkuntratta servizzi ta' trasport, il-Kummissjoni għandha titlob rimborż parzjali tal-ispejjeż skont ir-rati ta' ffinanzjar stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4.

7. L-ispejjeż li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għal riżorsi tat-trasport taħt dan l-Artikolu: l-ispejjeż kollha relatati mal-moviment ta' riżorsi tat-trasport, inklużi l-ispejjeż ta' kull servizz, tariffa, spiża loġistika u ta' maniġġar, fjuwil u spejjeż possibbli għal akkomodazzjoni kif ukoll spejjeż indiretti oħra bħal taxxi, dazji ġenerali u spejjeż għat-tranżitu.

*Artikolu 24*

**Benefiċjarji**

Għotjiet mogħtija skont din id-Deċiżjoni jistgħu jingħataw lil persuni ġuridiċi, kemm jekk regolati mid-dritt privat kif ukoll jekk regolati mid-dritt pubbliku.

*Artikolu 25*

**Tipi ta' intervent finanzjarju u proċeduri ta' implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

2. Għajnuna finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni tista' tieħu kwalunkwe waħda mill-forom previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, b'mod partikolari għotjiet, rimborż ta' spejjeż, akkwist pubbliku jew kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji.

3. Biex timplimenta din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ħlief għal azzjonijiet li jaqgħu taħt ir-reazzjoni f'każ ta' diżastru tal-Kapitolu IV, li ma jkunux possibbli li jsir provvediment għalihom minn qabel. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2). Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jistabbilixxu l-objettivi segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Dawn għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u skeda indikattiva ta' żmien ta' implimentazzjoni. Fir-rigward tal-assistenza finanzjarja msemmija fl-Artikolu 28(2), il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jiddeskrivu l-azzjonijiet previsti għall-pajjiżi msemmija fihom.

*Artikolu 26*

**Komplementarjetà u konsistenza tal-azzjoni tal-Unjoni**

1. L-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni ma għandhomx jirċievu assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-applikanti għall-assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni u l-benefiċjarji ta' tali assistenza jipprovduha b'informazzjoni dwar l-assistenza finanzjarja li jirċievu minn sorsi oħra, inkluż il-baġit ġenerali tal-Unjoni, u dwar applikazzjonijiet pendenti għal tali assistenza.

2. Għandhom jitfittxu sinerġiji u komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni. Fil-każ ta' reazzjoni għal kriżijiet umanitarji f'pajjiżi terzi l-Kummissjoni għandha tiżgura l-komplementarjetà u l-koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni u azzjonijiet iffinanzjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1257/96.

3. Meta l-għajnuna taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni tikkontribwixxi għal reazzjoni umanitarja tal-Unjoni, partikolarment f'emerġenzi kumplessi, l-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja skont din id-Deċiżjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-ħtiġijiet identifikati u għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji umanitarji kif ukoll mal-prinċipji dwar l-użu tal-protezzjoni ċivili u tar-riżorsi militari kif stabbiliti fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja.

*Artikolu 27*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa li jiżguraw li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività oħra illegali, b'kontrolli effikaċi u, jekk jinkixfu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsin ħażin u, fejn xieraq, b'sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' verifika, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għajnuna finanzjarja, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni skont din id-Deċiżjoni.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, li jinkludu kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 [2] bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat skont din id-Deċiżjoni

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom b'mod espliċitu jkun fihom dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali verifiki u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 28*

**Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali**

1. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta':

(a) pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE, u pajjiżi Ewropej oħra fejn ipprovdut hekk minn ftehimiet u proċeduri;

(b) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fi Ftehimiet Qafas u Deċiżjonijiet ta' Kunsilli ta' Assoċjazzjoni, jew arranġamenti simili;

2. L-assistenza finanzjarja msemmija fl-Artikolu 20 u l-punti (a), (b), (e) u (h) tal-Artikolu 21(1) tista' tingħata wkoll lill-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali li ma jipparteċipawx fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni, kif ukoll lil pajjiżi li huma parti mill-PEV, sal-punt li dik l-assistenza finanzjarja tikkomplementa l-finanzjament disponibbli taħt att leġislattiv tal-Unjoni futur dwar l-istabbiliment tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) u att leġislattiv tal-Unjoni futur dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew ta' Viċinat.

3. Organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali jistgħu jikkooperaw f'attivitajiet taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni fejn ftehimiet bilaterali jew multilaterali rilevanti bejn dawk l-organizzazzjonijiet u l-Unjoni jippermettu dan.

*Artikolu 29*

**Awtoritajiet kompetenti**

Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti u jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

*Artikolu 30*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 19(5) u (6) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020.

---

(1) Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

(2) Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 19(5) u (6) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa msemmija f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li huwa diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tagħti notifika dwaru simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 19(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jkunux oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta tkun ingħatatilhom notifika dwar dak l-att jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw għalih. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 31*

**Proċedura ta' urġenza**

1. Atti ddelegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika dwar att iddelegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att iddelegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(5). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika dwar id-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

*Artikolu 32*

**Atti ta' implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-materji li ġejjin:

(a) l-interazzjoni tal-ERCC mal-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri, kif previst fil-punt (b) tal-Artikolu 8, l-Artikolu 15(3) u l-punt (a) tal-Artikolu 16(3); u l-proċeduri operazzjonali għar-reazzjoni għad-diżastri ġewwa l-Unjoni, kif previst fl-Artikolu 15, kif ukoll barra l-Unjoni, kif previst fl-Artikolu 16, inkluża l-identifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti;

(b) il-komponenti taċ-CECIS kif ukoll l-organizzazzjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz taċ-CECIS, kif previst fil-punt (b) tal-Artikolu 8;

(c) il-proċess għall-istazzjonar ta' timijiet ta' esperti, kif previst fl-Artikolu 17;

(d) l-identifikazzjoni ta' moduli, kapaċitajiet oħrajn ta' reazzjoni u esperti kif previst fl- Artikolu 9(1);

(e) ir-rekwiżiti operazzjonali għall-funzjonament u l-interoperabbiltà ta' moduli, kif previst fl- Artikolu 9(2), inklużi l-kompiti, il-kapaċitajiet, il-komponenti ewlenin, l-awtosuffiċjenza u l-istazzjonar tagħhom;

(f) il-miri tal-kapaċità, ir-rekwiżiti ta' kwalità u interoperabbiltà u l-proċedura ta' ċertifikazzjoni u reġistrazzjoni għall-funzjonament tal-EERC, kif previst fl-Artikolu 11, kif ukoll l-arranġamenti finanzjarji, kif previst fl-Artikolu 21(2);

(g) l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-lakuni fl-EERC, kif previst fl-Artikolu 12;

(h) l-organizzazzjoni tal-programm ta' taħriġ, qafas ta' eżerċizzji u programm għat-tagħlimiet meħuda, kif previst fl-Artikolu 13; u

(i) l-organizzazzjoni tal-appoġġ għat-trasport tal-għajnuna, kif previst fl-Artikoli 18 u 23.

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).

*Artikolu 33*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-kumitat ma jagħtix opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 34*

**Evalwazzjoni**

1. Azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja għandhom ikunu monitorjati b'mod regolari sabiex tiġi segwita l-implimentazzjoni tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

(a) rapport interim ta' evalwazzjoni dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2017;

(b) komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni kontinwata ta' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018; u

(c) rapport ta' evalwazzjoni ex post sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021.

Ir-rapport interim ta' evalwazzjoni u l-komunikazzjoni kif imsemmija fil-punti (a) u (b) rispettivament għandhom ikunu akkumpanjati, jekk ikun il-każ, minn proposti għal emendi għal din id-Deċiżjoni.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 35*

**Dispożizzjonijiet transizzjonali**

1. Azzjonijiet li jibdew qabel l-1 ta' Jannar 2014 abbażi tad-Deċiżjoni 2007/162/KE, Euratom għandhom ikomplu jiġu amministrati, fejn ikun rilevanti, f'konformità ma' dik id-Deċiżjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, fil-livell nazzjonali, transizzjoni mingħajr xkiel bejn l-azzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-Istrument Finanzjarj u dawk li għandhom jiġu implimentati skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 36*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni 2007/162/KE, Euratom u d-Deċiżjoni 2007/779/KE, Euratom huma revokati. Referenzi għad-Deċiżjonijiet imħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoniu għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 37*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 38*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | L. LINKEVIČIUS |

*ANNESS I*

**Perċentwali għall-allokazzjoni tal-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 19(1)**

| | |
|---|---|
| Prevenzjoni: | 20 % +/- 8 punti perċentwali |
| Stat ta' Tħejjija: | 50 % +/- 8 punti perċentwali |
| Reazzjoni: | 30 % +/- 8 punti perċentwali |

**Prinċipji**

Meta timplimenta din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-azzjonijiet li għalihom din id-Deċiżjoni tistabbilixxi skadenza fil-perijodu li jwassal għall-iskadenza ta' dik l-iskadenza, bl-objettiv li tiġi sodisfatta l-iskadenza inkwistjoni.

*ANNESS II*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162 KE, Euratom | Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779 KE, Euratom | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|---|
| Artikolu 1(1) | | — |
| Artikolu 1(2) | | Artikolu 1(4) |
| Artikolu 1(3) | | — |
| Artikolu 1(4) | | Artikolu 2(2) |
| | Artikolu 1(1) | — |
| | Artikolu 1(2), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 1(2) |
| | Artikolu 1(2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 1(5) |
| Artikolu 2(1) | | Artikolu 2(1), punt (a) |
| Artikolu 2(2) | | Artikolu 2(1), punt (b) |
| Artikolu 2(3) | | Artikolu 1(6) |
| | Artikolu 2(1) | — |
| | Artikolu 2(2) | Artikolu 13(1), punt (a) |
| | Artikolu 2(3) | Artikolu 20(c) |
| | Artikolu 2(4) | Artikolu 8(d) |
| | Artikolu 2(5) | Artikolu 8(a) |
| | Artikolu 2(6) | Artikolu 8(b) |
| | Artikolu 2(7) | Artikolu 8(c) |
| | Artikolu 2(8) | Artikolu 18(1) |
| | Artikolu 2(9) | Artikolu 18(2) |
| | Artikolu 2(10) | Artikolu 16(7) |
| | Artikolu 2(11) | — |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 | Artikolu 4 |
| Artikolu 4(1) | | Artikoli 20 u 21 |
| Artikolu 4(2), punt (a) | | Artikolu 22(a) |
| Artikolu 4(2), punt (b) | | Artikolu 22(b) u Artikolu 23(1), punti (a), (b) u (c) |
| Artikolu 4(2), punt (c) | | Artikolu 23(1), punt (d) |
| Artikolu 4(3) | | Artikolu 23(2) u (4) |
| Artikolu 4(4) | | Artikolu 32(1)(i) |
| | Artikolu 4(1) | Artikolu 9(1) |

| Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162 KE, Euratom | Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779 KE, Euratom | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|---|
| | Artikolu 4(2) | Artikolu 9(3) |
| | Artikolu 4(3) | Artikolu 9(1) u (2) |
| | Artikolu 4(4) | Artikolu 9(4) |
| | Artikolu 4(5) | Artikolu 9(5) |
| | Artikolu 4(6) | Artikolu 9(6) |
| | Artikolu 4(7) | Artikolu 9(9) |
| | Artikolu 4(8) | Artikolu 9(7) |
| Artikolu 5 | | Artikolu 24 |
| | Artikolu 5(1) | Artikolu 8(a) |
| | Artikolu 5(2) | Artikolu 8(b) |
| | Artikolu 5(3) | Artikolu 8(c) |
| | Artikolu 5(4) | Artikolu 8(d) |
| | Artikolu 5(5) | Artikolu 13(1), punt (a) |
| | Artikolu 5(6) | — |
| | Artikolu 5(7) | Artikolu 13(1), punt (d) |
| | Artikolu 5(8) | Artikolu 13(1), punt (f) |
| | Artikolu 5(9) | Artikolu 18 |
| | Artikolu 5(10) | Artikolu 8(e) |
| | Artikolu 5(11) | Artikolu 8(g) |
| Artikolu 6(1) | | Artikolu 25(1) |
| Artikolu 6(2) | | Artikolu 25(2) |
| Artikolu 6(3) | | Artikolu 25(3), it-tielet u r-raba' sentenzi |
| Artikolu 6(4) | | Artikolu 25(3), it-tielet u r-raba' sentenzi |
| Artikolu 6(5) | | Artikolu 25(3), l-ewwel u t-tieni sentenzi |
| Artikolu 6(6) | | — |
| | Artikolu 6 | Artikolu 14 |
| Artikolu 7 | | Artikolu 28(1) |
| | Artikolu 7(1) | Artikolu 15(1) |
| | Artikolu 7(2) | Artikolu 15(3) |
| | Artikolu 7(2), punt (a) | Artikolu 15(3), punt (a) |
| | Artikolu 7(2), punt (c) | Artikolu 15(3), punt (b) |
| | Artikolu 7(2), punt (b) | Artikolu 15(3), punti (c) u (d) |
| | Artikolu 7(3), l-ewwel u t-tielet sentenzi | Artikolu 15(4) u Artikolu 16(6) |

| Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162 KE, Euratom | Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779 KE, Euratom | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|---|
| | Artikolu 7(4) | Artikolu 15(5) |
| | Artikolu 7(5) | — |
| | Artikolu 7(6) | Artikolu 17(3), l-ewwel sentenza |
| Artikolu 8 | | Artikolu 26 |
| | Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 16(1) |
| | Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu | Artikolu 16(2), l-ewwel sentenza |
| | Artikolu 8(1), it-tielet subparagrafu | — |
| | Artikolu 8(1), ir-raba' subparagrafu | — |
| | Artikolu 8(2) | Artikolu 16(4) |
| | Artikolu 8(3) | — |
| | Artikolu 8(4), punt (a) | Artikolu 16(3), punt (a) |
| | Artikolu 8(4), punt (b) | Artikolu 16(3), punt (c) |
| | Artikolu 8(4), punt (c) | Artikolu 16(3), punt (d) |
| | Artikolu 8(4), punt (d) | Artikolu 16(3), punt (e) |
| | Artikolu 8(5) | Artikolu 16(8) |
| | Artikolu 8(6), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 17(1) u Artikolu (2), punt (b) |
| | Artikolu 8(6), it-tieni subparagrafu | Artikolu 17(3), it-tieni sentenza |
| | Artikolu (7), l-ewwel subparagrafu | — |
| | Artikolu 8(7), it-tieni subparagrafu | Artikolu 16(2), it-tieni sentenza |
| | Artikolu 8(7), it-tielet subparagrafu | Artikolu 16(9) |
| | Artikolu 8(7), ir-raba' subparagrafu | Artikolu 16(11) |
| | Artikolu 8 (7), il-ħames subparagrafu | — |
| | Artikolu 8 (8) | Artikolu 16(10) |
| | Artikolu 8(9), punt (a) | Artikolu 16(12) |
| | Artikolu 8(9), punt (b) | Artikolu 16(13) |
| Artikolu 9 | | Artikolu 16(2) |
| | Artikolu 9 | Artikolu 18 |
| Artikolu 10 | | Artikolu 19(3) |

| Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162 KE, Euratom | Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779 KE, Euratom | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|---|
| | Artikolu 10 | Artikolu 28 |
| Artikolu 11 | | — |
| | Artikolu 11 | Artikolu 29 |
| Artikolu 12(1) | | Artikolu 27(1) |
| Artikolu 12(2) | | — |
| Artikolu 12(3) | | — |
| Artikolu 12(4) | | — |
| Artikolu 12(5) | | — |
| | Artikolu 12(1) | Artikolu 32(1), punt (e) |
| | Artikolu 12(2) | Artikolu 32(1), punt (a) |
| | Artikolu 12(3) | Artikolu 32(1), punt (b) |
| | Artikolu 12(4) | Artikolu 32(1), punt (c) |
| | Artikolu 12(5) | Artikolu 32(1), punt (h) |
| | Artikolu 12(6) | Artikolu 32(1), punt (d) |
| | Artikolu 12(7) | — |
| | Artikolu 12 (8) | — |
| | Artikolu 12 (9) | Artikolu 32 (1) (a), first sentence |
| Artikolu 13 | Artikolu 13 | Artikolu 33 |
| Artikolu 14 | | Artikolu 19 |
| Artikolu 15 | Artikolu 14 | Artikolu 34 |
| | Artikolu 15 | Artikolu 36 |
| Artikolu 16 | | Artikolu 37, it-tieni sentenza |
| Artikolu 17 | Artikolu 16 | Artikolu 38 |